# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 73/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jamie Badawi**

Illum 15 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jamie Badawi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 285200(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer nhar id-9 ta' Novembru 2019:

1. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta'

Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat), liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. ikkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

talli f'dawn il-Gżejjer fid-9 ta' Novembru 2019 u fis-sena ta' qabel din id-data:

5. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31

tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ġunju 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsima III, IV u VI, Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii), kif ukoll it-tieni *proviso* ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i)(ii), kif ukoll it-tieni *proviso* ta' Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 31.18 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 4 u 4A tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 3(4) tal-Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- filwaqt li astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni u dana peress li qieset li r-reat li dwaru l-imputat ġie akkużat fl-imsemmija imputazzjoni ġie abrogat,

- sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

- ikkundannatu għall-penali ta' ħamsa u sebgħin Euro (€75) fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni;

- fir-rigward tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni, ikkundannatu għall-piena ta' ħdax (11)-il xahar priġunerija kif ukoll għal multa ta' elf u mitejn Euro (€1200) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-multa setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) b'dan illi f'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa kellha titħallas fi żmien tlettax (13)-il xahar bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-

sentenza u f'każ li l-imputat jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas is-somma ta' ħames mija u disgħin Euro (€590) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Gilbert Mercieca f'dawn il-proċeduri fi żmien seba' (7) xhur mid-data tas-sentenza;

- il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tas-sustanzi eżebiti hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata, ossija dik tal-10 ta' Ġunju tas-sena kurrenti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan billi tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn l-imputat ġie mogħti priġunerija effettiva ta' ħdax (11)-il xahar priġunerija effettiva u tissostitwiha, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenza sospiża b'dak il-perjodu operattiv illi jidher xieraq lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-4 ta' Lulju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Ġunju 2025.

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellant f'dan il-każ jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkundannatu ħdax (11)-il xahar priġunerija effettiva. Huwa jitlob li din il-Qorti tissostiwixxi l-priġunerija effettiva bi priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-<u>uniku aggravju</u> mressaq minnu, l-appellant jagħmel riferenza għal Artikoli 22(9) u 22(9a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jiċċita Artikolu 22(9a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li l-Ewwel Qorti applikat id-dispożizzjoni tas-sub-artikolu msemmi. Jargumenta li l-Ewwel Qorti stqarret li hu ma ppruvax ir-rijabilitazzjoni tiegħu u t-tibdil fil-mod tal-ħajja u fl-imġieba tiegħu. Minkejja dan, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tagħti kunsiderazzjoni ulterjuri għal dak li jipprovdi Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar <u>l-element tal-ammont ta' mediċina</u>, l-appellant jisħaq li fir-rigward ta' mediċina, din tiġi kwantifikata fi tmien (8) pilloli *ecstasy.* Jgħid li fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti stqarret li fid-dikjarazzjoni mogħtija minnu huwa jistqarr li f'lejla huwa jikkonsma regolarment *"minn tnejn sa tlieta"*. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx dik il-parti tal-*proviso* ta' Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk: *"jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantita' żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt"*. Jgħid li b'hekk l-Ewwel Qorti ma qisitx li l-Prosekuzzjoni ma ġabet xi prova illi tindika li hu kien ser jagħmel xi profitt, kemm mit-tmien pilloli *ecstasy* kif ukoll minn xi pilloli rimanenti wara l-konsum tiegħu. Jgħid li l-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma tat piż lill-element ta' profitt u jekk tali element kienx preżenti jew le. L-appellant jgħid li fl-istqarrija tiegħu huwa stqarr li kien iħobb

iqatta' l-ħin liberu billi jiltaqa' ma' sħabu u jmur il-*parties* u li huwa kkonferma li huwa kien ġie arrestat filwaqt li kien ma' sħabu. Jgħid li l-probabilita' illi l-konsum tal-pilloli in kwistjoni jiġi diviż bejn sħabu ġewwa l-lokal fejn ġew arrestati ġiet skartata.

Illi dwar l-element tax-xorta ta' persuna nvoluta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, l-appellant jgħid li dan ġie sodisfatt kif mistqarr mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kif ukoll kif misjub fl-atti proċesswali u l-fedina penali tiegħu li hija waħda nadifa.

Illi l-appellant jisħaq li huwa jissodisfa l-kriterji tal-*proviso* ta' Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u li b'hekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta astjeniet milli tirrikorri għal dak li jipprovdi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jiċċita Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li ċ-ċirkostanzi tiegħu mhumiex tali li huwa jkun suġġett għall-eċċezzjonijiet ta' Artikolu 28A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li għalhekk l-applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienet waħda dovuta fir-rigward tal-ħdax (11)-il xahar priġunerija li huwa ġie kkundannat mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija fl-ewwel (1), fir-raba' (4) u fil-ħames (5) imputazzjoni.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*. Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-

> emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi dwar l-aggravju in eżami jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikoli 22(9) u 22(9a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):
>
> Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:

Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-dispożizzjonijiet tal-*proviso* li jiġi minnufih qabel dan."

Illi Artikolu 22(9a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) jew ta' kwalunkwe liġi oħra, meta l-Qorti, filwaqt li ssib ħtija fil-persuna imputata jew akkużata taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, tkun tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi li kieku kellha timponi piena ta' priġunerija fuq tali persuna dik il-piena ma għandhiex teċċedi sentejn (2) priġunerija, il-Qorti tista' minflok ma tagħti tali piena tqiegħed lill-persuna misjuba ħatja taħt ordni kif provdut fl-Att dwar il-Probation:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jiġu applikati biss għal raġunijiet illi l-Qorti tiddikjara fis-sentenza tagħha u skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ inklużi r-riabilitazzjoni tal-persuna misjuba ħatja u t-tibdil fil-mod tal-ħajja u fl-imġiba tal-persuna misjuba ħatja u tenut kont tan-natura tas-sustanza involuta, l-ammont tas-sustanza u l-purità tas-sustanza:

Iżda wkoll il-Qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu biss jekk il-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) priġunerija tkun fi kwalunkwe każ fil-parametri tal-liġi u tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi irrispettivament mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw biss fir-rigward tal-ewwel sejbien ta' ħtija ta' persuna għal reat kontra din l-Ordinanza."

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti setgħet tikkundannah għal piena ta' priġunerija, it-terminu ta' liema kellu jkun sospiż. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota wkoll li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellant sostniet li saħansitra l-Ewwel Qorti setgħet timponi Ordni tal-*Probation* fuq il-patroċinat tagħha. Minkejja dan, pero' mil-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant allura imputat ma ressaq l-ebda prova li tista' b'xi mod jew ieħor twassal lil din il-Qorti taqbel mal-argumenti mressqa mill-appellant fl-aggravju tiegħu. In fatti mill-atti proċesswali jirriżulta li bħala provi in difeża quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant allura imputat ta biss id-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti msemmija, liema depożizzjoni kienet tikkoċerna l-akkadut ta' dan il-każ u mkien fiha ma hemm xi prova li turi r-rijabilitazzjoni tiegħu u t-tibdil fil-mod tal-ħajja u fl-imġieba tal-persuna. Huwa ma ressaq l-ebda provi oħra quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi għandu jingħad li din il-Qorti ġiet infurmata li l-appellant ma kien ser jagħmel l-ebda profitt minn dak misjub pero' kien biss qed jagħmel esperjenza. Din il-Qorti ġiet mitluba tieħu in konsiderazzjoni tal-eta' tal-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Għal kull buon fini jingħad li fil-bidu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġiet eżebita l-fedina penali (*a fol.* 3) tal-appellant allura imputat u li quddiem din il-Qorti ġiet eżebita l-fedina penali (Dok. "X" – *a fol.* 147) aġġornata tal-istess appellant. Minkejja li miż-żewġ fedini penali msemmija jirriżulta li l-fedina penali tal-appellant baqgħet waħda kompletament nadifa u minkejja l-eta' li kellu l-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax tinjora dak li l-appellant ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti.

Illi fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u ta' dak imsemmi hawn fuq, din il-Qorti ma tistax taderixxi ma' dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami u dana wara li qieset dak li jipprovdu Artikoli 22(9) u 22(9a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li qalet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet, fost l-oħrajn, hekk dwar il-piena (*a fol.* 125 *et seq.*):

> "Ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li tagħhom il-*qua* imputat qiegħed jinsab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi relatati mal-istess. Tqis ukoll t-trapass taż-żmien, kif ukoll il-fatt li l-imputat kien għad għandu biss dsatax (19)-il sena fiż-żmien li ġew imwettqa dawn ir-reati u li kellu fedina penali netta. Din il-Qorti hija sprovvista minn fedina penali aġġornata tal-imputat. Qieset ukoll l-ammont ta' droga *ecstasy* involut, li kien dak ta' tmien (8) pilloli *ecstasy*.
>
> Qieset ukoll l-emendi reċenti introdotti permezz tal-Att numru sebgħa (7) tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), li emenda liġijiet varji relatati mad-droga, u li permezz tiegħu ġie miżjud s-subartikolu ġdid (9a) fl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan is-subartikolu huwa applikabbli ukoll f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-persuna imputata taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Qieset illi għalkemm tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena ta' priġunerija li għandha tiġi mposta fuq l-imputat ma għandix teċċedi s-sentejn (2) priġunerija, din il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe prova li turi "r-rijabilitazzjoni tal-persuna misjuba ħatja u t-tibdil fil-mod tal-ħajja u fl-imġieba tal-persuna misjuba ħatja". Illi għaldaqstant hija tal-fehma li ma tistax tapplika din id-disposizjoni tal-liġi fil-konfront tal-imputat u għaldaqstant tenut kont tal-fatt illi l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' pussess tad-droga *ecstasy* mhux għall-użu esklussiv tiegħu, il-piena trid tkun bilfors waħda ta' priġunerija effettiva."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat nstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ma ġiex kontestat mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud *in toto*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jamie Badawi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**